MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Numru. 201/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Ekramy Mobarak**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Ekramy Mobarak ta' 32 sena, iben Fadalla u Faiqa nee Abel, imwielet l-Egittu fit-22 ta' Novembru 1975, detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 22147 (A).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Mejju 2008 ghal habta ta' l-10.15am u matul l-ahhar xhur qabel din id-data waqt li kien fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini ta' 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta (*sic*).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu

zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkoperax mal-pulizija, li l-unika kundanna fil-fedina penali tieghu hija ta' natura serja ta' traffikar ta' droga, u fil-fatt l-imputat qed jiskonta piena ta' tnax-il sena habs u li r-reat sar fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikoli 33A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u qieghda tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda wkoll tikkundanna l-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €209.78, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------